MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2012

Numru. 335/2006

Il-Pulizija
(Sup Carmelo Bartolo)
vs
Anton Vassallo, iben Carmelo, imwieled Pieta' fit-23 ta' Settembru, 1978, karta ta' l-identita numru 495978(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat:
1. talli fit-18 ta' Ħunju, 2001, f'xi ħin bejn in-nofs siegħa ta' fil-għodu u id-disgħa ta' fil-għodu, f'Wied il-Għajn, ikkometta serq ta' oġġetti u cioe' flus u affarijiet oħra, ikkwalifikati bil-ħin, bil-mezz, kif ukoll bil-valur li ma jiskorriex l-elf lira maltija (Lm1,000) (illum €2,329.37), liema serq sar għad-dannnu tad-dirigenti ta' 'Shaherazad Mediterranean Restaurant' u/jew persuni oħra;
2. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi volontarjament ħassar, għamel ħsara, jew għarraq

ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara ma tiskorriex il-valur ta' għoxrin lira maltija (Lm20)(illum €48.60) li saret għad-dannu tad-dirigenti ta' 'Shaherazad Mediterranean Restaurant' u/jew persuni oħra;
3. talli sar reċidiv skont l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali, wara li ġie misjub ħati ta' reati b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li fit-18 ta' Ġunju, 2001 il-pulizija ġiet infurmata li l-fond hawn fuq indikat ġie misruq. Il-persuna jew persuni mhux magħrufa kienu daħlu hemmhekk billi sgassaw it-tieqa tal-kċina u minn hemm setgħu jidħlu liberament. Il-ħsara li sart kienet ta' madwar ħamsin euro (€48). Minn dan il-fond irrizulta li madwar erba' mija u sitta u tmenin euro (€480) fi flus kontanti ġew misruqa, kif ukoll 'meat slicer' li kien jjiswa madwar sitt mitt euro (€600).

Illi l-pulzija ġiet infurmata b'mod kunfidenzjali li l-imputat kien wettaq din is-serqa. Għalhekk, hu ġie nterrogat iżda l-imputat ċaħad kollox.

Illi dwar din is-serqa kienet infetħet inkjesta bil-Maġistrat. Konsegwenza ta' dan il-Maġistrat Inkwirenti ordna li ssir komparazzjoni tal-impronti diġitali ta' l-imputat ma dawk li nstabu fuq il-post.

Illi r-rizultat ta' din il-komparazzjoni kienet pozittiva u l-impronti ta' l-imputati nstabu fuq il-post ta' l-inċident. Referenza qed issir għar-relazzjoni misjuba
fl-atti tal-proċess verbal (fol. 50 et seq) li tifforma parti ntegrali ta' din is-sentenza. Mitluba jispjega dan il-fatt, l-imputat dejjem ċaħad li hu kien responsabbli għal din is-serqa.

Illi fuq l-iskorta ta’ din il-prova ma hemm ebda dubju li l-imputat hu responsabbli għal din is-serqa kif ukoll għal ħsara li saret f’dan il-fond.

Illi l-prosekuzzjoni ma resqet ebda prova dwar ir-reċidiva ta’ l-imputat.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tat-tielet akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn tali akkuża. Issibu ħati tal-ewwel żewġ akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 261(b)(ċ)(f), 263(a), 267, 270, 278(1)(2)(3) u 325(1)(ċ) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal piena ta’ sitt xhur priġunerija. Minbarra dan, rat l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundanna lill-imputat li jħallas is-somma ta’ sitt mija u sittin euro (€660) spejjeż inkorsi fil-ħatra ta’ esperti fil-proċeduri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------